MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1831/1998/1

**Emanuel u Rita konjuġi Caruana**

***Versus***

**Dr Peter Caruana Galizia li b'dikriet tal-5 t'Ottubru 1998 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' l-assenti Rose Proctor**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu kumpens għas-serviġi illi jgħidu li kienu irrendew lill-awtriċi tal-konvenuta.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi kienu irrendew serviġi lil Emma Bugeja, illum mejta, għal ħafna snin qabel il-mewt tagħha. Kienu wkoll ħarġu flus u għamlu spejjeż biex irrendew dawn is-serviġi, li kienu irrendewhom fuq talba ta' l-istess Emma Bugeja.
Emma Bugeja mietet fil-15 t'April 1998, u bħal werrieta waħdanija tagħha ħatret b'testment lil oħtha, il-konvenuta Rose Proctor.

F'ħafna okkażjonijiet, u saħansitra sa ftit jiem qabel mewtha, Emma Bugeja kienet wiegħdet lill-atturi li kienet sejra tpattilhom talli għamlu magħha. Kienet ukoll tathom kaxxa deheb bħala sehem mill-kumpens li kellha tagħtihom, iżda din il-kaxxa l-atturi raddewha lill-konvenuta meta din talbithielhom.
Ukoll wara li mietet Emma Bugeja, l-atturi baqgħu jaqdu lill-konvenuta fuq talba tagħha.
Għalkemm sejħulha kemm-il darba biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens li jmiss lilhom, il-konvenuta baqgħet ma għamlet xejn. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
1. tgħid illi huma irrendew serviġi lil Emma Bugeja u lill-konvenuta, u ħarġu flus biex jaqduhom;
2. tgħid illi l-atturi jistħoqqilhom kumpens għal dawn is-serviġi, u li jintraddulhom l-ispejjeż li għamlu;
3. tillikwida l-kumpens li jmiss lill-atturi għal dawn is-serviġi; u
4. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni u ta' sekwestru, u l-imgħax b'seħħ minn meta mietet Emma Bugeja sa meta jsir il-ħlas.
Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi l-atturi ma irrendew ebda serviġi lil Emma Bugeja illi ma tħallsux għalihom tul ħajjitha.
Mix-xhieda ta' l-atturi ħareġ illi l-attur kien jaqdi lil Emma Bugeja, l-aktar billi jagħtiha l-wens tal-kumpanija tiegħu, barra milli jagħmlilha xi qadjiet żgħar. L-attriċi wkoll ġieli sajritilha għall-ikel u l-atturi ġieli wkoll kienu joħorġuha magħhom. L-attur kien ukoll jagħmel żminijiet twal jorqod għand Emma Bugeja flok id-dar, u dan il-fatt ħoloq tensjoni ma' martu għax kien ikollu jħalliha weħedha.
Ix-xhieda mressqa mill-konvenuta ma jwaqqgħux dak li xehdu l-atturi, l-aktar għax ix-xhieda tal-konvenuti għamlu xi żmien maqtugħin minn Emma Bugeja u ma jistgħux wisq jixhdu dwar x'kienu jagħmlu u ma jagħmlux l-atturi. Mix-xhieda mressqa mill-konvenuta, iżda, ħareġ ukoll illi Emma Bugeja kienet bniedma x'aktarx indipendenti u taf tieħu ħsieb tagħha nfisha, u kienet ukoll ġeneruża għax dejjem kienet tħallashom meta jaqduha, għalkemm forsi ma kinux jaqduha daqskemm kienu jaqduha l-atturi.

Il-qorti għalhekk temmen illi, għalkemm tassew illi l-atturi kienu jaqdu lill-awtriċi tal-konvenuta l-aktar billi l-attur kien iqatta' ljieli magħha, ma kinitx tħallihom nieqsa minn ħlas waqt ħajjitha, aktar u aktar meta tqis illi forsi kienu jaqduha aktar minn ħaddiehor.
Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma illi lill-atturi jixraq li jingħata kumpens ulterjuri ta' elfejn lira (Lm2,000).
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża, u tiddisponi kemm mit-talbiet ta' l-atturi u mill-eċċezzjoni tal-konvenuta, billi tgħid illi l-atturi irrendew serviġi lill-awtriċi tal-konvenuta u ta' dan jistħoqqilhom ħlas ta' elfejn lira; għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi elfejn lira (Lm2,000) flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax minn dakinhar meta saret sejħa għal ħlas b'att ġudizzjarju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------